13 ta' Frar, 1948.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President*.
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Francesco Pace ne. et.** ***versus*** **Salvatore Schiavone pr. et ne.**

**Bejgħ — Awment tal-Prezzijiet — Divjet ta' l-Esportazzjoni.**

*Il-fatt li bejn il-ftehim tal-bejgħ u l-ispedizzjoni tal-merkanzija jkun hemm awment fil-prezzijiet ma huwiex motiv li jiġġustifika lill-venditur jinħall mill-bejgħ.*

*Lanqas ma huwa motiv ta' xoljiment tal-bejgħ il-fatt li d-dar ta' barra ma ottenietx il-permess tal-Gvern tagħha għall-esportazzjoni tal-merkanzija; għaliex qabel ma ntrabtet kien imissha assikurat ruħha li jkollha dak il-permess, jew almenu tintrabat bir-riżerva li tkun tista' tesporta l-merkanzija.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-atturi quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re, fejn ippremettew illi l-atturi fil-kwalità tagħhom fuq imsemmija kienu kkuntrattaw ix-xiri minn għand il-konvenut proprio et nomine ta' 50 qantar ġobon ta' Sqallija bil-prezz ta' 6s. il-kilo, bil-kondizzjoni li l-merkanzija kellha titlaq minn Sirakuża fil-21 ta' Lulju 1946, kif jidher mid-dokumenti eżibiti markati A.B. C.D.; u peress illi l-merkanzija waslet Malta fit-22 ta' Lulju 1946, u l-konvenut irrifjuta li jikkonsenjaha fuq il-pretest li dik kienet destinata għal riċevitur ieħor; u talbu li, premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa, u speċjalment dik illi l-konvenut proprio et nomine huwa inadempjenti fil-konfront ta' l-atturi nomine, u mogħtija l-provvedimenti opportuni, (1) tiġi dikjarata riżoluta l-vendita tal-merkanzija fuq imsemmija, u dana minħabba inadempjenza tiegħu, u (2) l-istess konvenut proprio et nomine jiġi dikjarat responsabili tad-danni li l-atturi sofrew bħala konsegwenza ta' dina l-inadempjenza, danni li għandhom jiġu likwidati f'din il-kawża jew f'kawża oħra separata, anki jekk hemm bżonn per mezz ta' periti nominandi. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' impedi-

ment tal-partenza u tas-sekwestru tat-22 ta' Lulju 1946, u tal-kontromandat tal-24 ta' Lulju 1946;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu fil-11 ta' April 1947, fejn laqgħet it-talbiet u rriżervat għal ġudizzju separat il-likwidazzjoni tad-danni, u kkundannat il-konvenut iħallas l-ispejjeż; wara li kkunsidrat:

Illi mill-korrispondenza li għaddiet bejn il-partijiet u mill-kliem li kien hemm hawn Malta ma' Salvatore Schiavone jidher illi kien hemm il-kuntrattazzjoni definitiva għal ħames tunnellati ġobon; illi kieku kien veru dak li jippretendi l-appellant, illi l-kuntrattazzjoni definitiva ma kienx hemm, huwa ma kienx jittelegrafalu..............;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut nòmine u l-petizzjoni tiegħu fejn talab illi s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u għalhekk it-talba ta' l-atturi tiġi respinta bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-gravami ta' l-appellanti huma:— (1) Illi huwa ma kienx ftihem definitivament għal din il-partita ġobon in kwistjoni; (2) illi l-ġobòn li wasal fil-21 ta' Lulju kien għal Zahra; (3) illi l-Gvern tiegħu ma taħx il-permess għall-esportazzjoni; (4) u li ma' l-atturi Curmi nomine huwa ma għandux x'jaqsam;

Illi fuq l-ewwel kwistjoni, irriżulta mix-xhieda ta' l-atturi, għalkemm kòntradetta mill-konvenut, illi meta dana kien hawn Malta offrielhom partita ta' 50 qantar ġobon......... Minn din il-korrispondenza, kif tajjeb irriteniet l-Ewwel Qorti, jidher biċ-ċar illi kien hemm il-kuntrattazzjoni, kien hemm l-offerta tad-ditta konvenuta debitament aċċettata u konfermata, bl-oġġett u l-kwantità stabbilita u l-prezz. Għalhekk jidher illi d-ditta konvenuta kienet marbuta di frònti għall-atturi għal 50 qantar ġobon bil-prezz ta' 6s. il-kilo, li kellu jiġi spedit il-Ħadd ta' wara, 21 ta' Lulju;

Tikkunsidra;

Illi però, l-effettiva operazzjoni sfrattat, għaliex id-ditta konvenuta, il-Ġimgħa, 19 ta' Lulju, bagħtet telegramm ieħor

fejn qalet "considerato aumento prezzo formaggio et ribasso sterlina impossibile sostenere sei scellini kilo confermando urgenza sette scellini kilo caricheremo domenica". Dan it-telegramm, analizzat tajjeb, jikkontjeni :— (1) Illi d-ditta konvenuta hija fl-impossibilità li tibgħat il-ġobon, u għalhekk riedet tannulla dak kollu li sar qabel, peress l-Italja, kif asseriet dik id-ditta, kien hemm awment ta' prezz tal-ġobon u ribass fil-valur ta' l-isterlina ; (2) illi riedet tagħmel l-operazzjoni, imma bil-prezz ta' 7s. ; u (3) illi hemm urġenza għar-risposta, għaliex jgħabbu l-Hadd ta' wara ;

L-ewwel raġuni li ġiebet id-ditta konvenuta m'hijiex tajba biex wieħed jinħall minn kuntratt ; għaliex il-fatt illi l-prezz tal-ġobon għola fl-Italja fl-intervall bejn il-kummissjoni u l-ispedizzjoni ma jistax ikun ta' forza tali illi jawtorizza lil min ibiegħ li jista' jirreċedi mill-konvenzjonijiet tiegħu ; dawk huma kollha riskji tal-kummerċ illi l-partijiet jassumu, sew jekk il-prezz korrent ta' l-oġġett fis-suq ikun għola jew ikun tbaxxa. F'dan l-aħħar każ id-ditta konvenuta kienet tispedixxi l-ġobon u l-atturi ma kienux fid-dritt li jirreċedu peress il-prezz tbaxxa ; l-istess ħaġa jingħad għall-isvalutazzjoni ta' l-isterlina ;

Tikkunsidra ;

Illi għalhekk hija inaċċettabili l-proposta tad-ditta konvenuta li riedet tagħmel l-operazzjoni mad-ditta attriċi, iżda mhux bil-prezz ta' 6s. iżda bil-prezz ta' 7s. il-kilo, u riedet bl-urġenza r-risposta biex tkun tista' tgħabbi l-ġobon il-Hadd ta' wara. Dawn l-affarijiet anzi juru, kif tajjeb irriteniet l-Ewwel Qorti, illi kieku d-ditta attriċi immedjatament aċċettat dik il-proposta ta' dak it-telegramm, il-ġobon kien jiġi spedit u kien jasal, kif del resto wasal, u kienet tiġi konsenjata lid-ditta attriċi l-partita miftehma. Għalhekk dak it-telegramm jitfa' dawl anki fis-sens illi dak li issa qiegħed jgħid il-konvenut appellant, fis-sens illi huwa ma setax jieħu l-permess tal-Gvern, ma għandux fondament ta' verità ; għaliex kien ikun wisq naturali illi, kieku kien veru, l-ewwel ħaġa li d-ditta konvenuta kienet tgħid f'dak it-telegramm kienet li ssemmi dak il-fatt ;

Tikkunsidra;

Illi fuq it-tieni kwistjoni, illi l-ġobon li wasal fil-21 ta' Lulju kien għal Zahra, mhix indaġini li fiha għandhom x'jaqsmu d-ditti attriċi..................; jibqa' dejjem il-fatt inkontrovers, għax jirriżulta minn dik il-korrispondenza, illi d-ditta konvenuta kienet dejjem obligata tibgħat 50 qantar ġobon bil-prezz ta' 6s. il-kilo u li kellu jiġi spedit il-Hadd ta' wara l-21 ta' Lulju;

Tikkunsidra;

Illi fuq it-tielet kwistjoni, fis-sens illi l-Gvern Taljan ma tax lid-ditta konvenuta l-permess ta' l-esportazzjoni ta' dik il-partita, dik mhix raġuni biex tiġġustifika r-reżiliment minn konvenzjoni. Infatti, kif tajjeb irriteniet l-Ewwel Qorti, fuq dan il-pont għandu jiġi stabbilit jekk id-ditta konvenuta kienetx "in culpa", għaliex "Qui sua culpa damnum sentit non videtur damnum sentire"; u għalhekk min seta' jipprevedi ċerti evenjenzi qabel ma jikkuntratta, u ma jipprevedihomx, għandu jiġi ritenut illi huwa "in culpa", għaliex preċiżament ma jkunx uża dik id-diliġenza li trid il-liġi tal-"bonus pater familias". Infatti meta d-ditta konvenuta kienet qiegħda għadha fit-trattativi mad-ditti attriċi, u qabel ma ntrabtet, kellha tipprevedi, għaliex kienet ħaġa ta' kuljum u għaliha essenzjali għal kuntrattazzjoni, illi tara jkollhiex il-permess tal-Gvern tagħha, u allura tieħu l-prekawzjoni li jkollha preventivament dak il-permess, jew almenu tagħmel riżerva fil-kuntrattazzjoni illi għandha tipprokura dak il-permess, u mhux tagħti l-konferma definitiva mingħajr ma tikkura din iċ-ċirkustanza. Dana ma kienx fatt illi d-ditta konvenuta ma setgħetx tipprevedi, bħal meta fl-intervall bejn il-kuntrattazzjoni u l-ispedizzjoni jqum stat ta' gwerra li ma kienetx prevedibili, jew xi event ieħor imprevedibili; għaliex allura, jekk ikun event tant straordinarju forsi l-venditur ikun fi stat ta' impossibilità ta' eżekuzzjoni ta' l-obligazzioni, kif ġie ritenut, sew mill-Qrati lokali kemm esteri f'ċirkustanzi simili. Iżda meta huwa fatt hekk komuni u hekk prevedibili allura min fil-kuntrattazzjoni ma jieħux il-prekawzjoni neċessarja, kif intqal iżjed 'il fuq, allura ma jkunx ħa u għamel id-dili-

ġenza ordinarja tal-"bonus pater familias", u allura jkun "in culpa";

Imbagħad, dik iċ-ċirkustanza addotta mid-ditta konvenuta hija anki dubbja, jekk mhux inverosimili ħafna.............; għalhekk dik ir-raġuni m'hijiex sodisfaċenti biex teżonera d-ditta konvenuta;

Tikkunsidra;

Illi tibqa' l-aħħar kwistjoni, illi d-ditta appellanti ma kellhiex ebda rapport mad-ditta "Curmi & Vella". Iżda rriżulta mix-xhieda ta' Curmi..................; u għalhekk il-kuntrattazzjoni saret għan-nom taż-żewġ ditti...............;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, li huma adottati;

Tirrespinġi l-appell tad-ditta konvenuta, u għalhekk tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fil-11 ta' April 1947; bl-ispejjeż kontra d-ditta konvenuta.

---